MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 471/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-kontendenti izzewwgu fit-30 ta’ Ottubru tas-sena 1977 fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar, kif jidher fl-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument ‘A’.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal M, V u X, li llum ghandhom aktar minn 23 sena u huma indipendenti.

Illi fl-1993 z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Dak iz-zmien il-kontendenti ssseparaw *de facto* ghadhom sallum jgixu mifrudin minn xulxin.

Illi inoltre l-kontendenti sseparaw legalment in forza ta' kuntratt tas-6 ta' Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt (hawn anness u markat Dokument "B").

Illi in forza tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u l-esponent CB obbliga ruhhu li jghaddi lill-intimata s-somma ta' €232.94 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewgt itfal minorenni M u V sakemm isiru maggorenni jew sakemm jibdew jahdmu, liema manteniment illum m'ghadux dovut peress li l-imsemmija M u V ghandhom 30 u 27 sena rispettivament. Inotre, l-istess kuntratt l-intimata assumiet hi l-manteniment tal-minuri X.

Illi llum l-kontendenti ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli li jirrikonciljaw.

Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-kontendenti a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Qorti jidrilha xieraq u opportuni.

Rat ir-risposta illi giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi hija taqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tal-20 ta' Settembru 2013. Il-kontendenti infirdu personalment permezz ta' Att Pubbliku datat 6 ta' Lulju 1993 in atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni taghhom, u kif jidher minn klawsola numru tnejn (2) tal-att

surriferti, il-kontendenti rrinunzjaw rispettivament ghad-dritt taghhom li jaghtu jew jircievu manteniment minghand xulxin. Inoltre, ulied il-partijiet lkoll ghalqu tlieta u ghoxrin (23) sena u bi kjarifika ghal dak li jinghad fil-paragrafu 5 tar-rikors jinghad illi it-tifla tal-kontendenti, MB, ser taghlaq 29 sena u mhux 27 kif indikat;

2. Illi tenut kont ta' dan il-qbil, ghalkemm l-esponenti tissottometti umilment li uliedha jinsabu mweggghin bosta b'din it-talba li ghamel l-istess missierhom, u tenut ukoll kont tad-dispost tal-Artikoli 66B, 66C, u 66D (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istanti taqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti celebrat fit-30 ta' Ottubru 1977;

3. Illi in vista tal-premess, u partikolarment in vista tal-fatt illi kien ir-rikorrenti li ghazel li jipprocedi kontra l-esponenti f'din l-istanza, hija ma ghandha tbati ebda spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri odjerni;

4. Illi ghal kull buon fini, l-istanti qieghda tikkonferma l-kontenut ta' din ir-risposta bil-gurament taghha;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom de facto separati mill-1993 u isseparaw legalment b'kuntratt datat 6 ta' Lulju 1993;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-

partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------